MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2006

Numru 13/2006

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**

**v**

**JOSEPH ZAMMIT**
**PAUL ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JOSEPH ZAMMIT** ta' disgha w tletin sena bin Vincent u Filippa nee Farrugia, imwieled Pieta nhar s-sbatax ta' Frar 1967 u joqghod Entrance D, Flat 6, Triq Guze Ellul Mercer, Swatar, detentur tal-karta tal-identita numru 113667M u **PAUL ZAMMIT** ta' ghoxrin sena bin Paul u Maria Dolores nee Cachia, imwieled Pieta nhar l-

ewwel ta’ Novembru 1985 u joqghod Flat 6, Block 4, Bini tal-Gvern, Triq d-Deheb Fin, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 551985M, gew imressqa quddiemha akkuzati talli fid-disgha ta' Mejju 2006, f’Ghawdex;

1. f’xi hin bejn l-erbgha u l-erbgha w nofs ta’ wara nofsinhar, fl-inhawi tad-Dwejra, ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DAK 785 ghad-dannu ta’ Godfrey Walker u Victoria Gunton, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. talli f’xi hin bejn s-siegha w nofs w it-tlieta ta’ wara nofsinhar, fl-inhawi tad-Dwejra, ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BBK 947, ghad-dannu ta’ Abdelli Bayou Paski, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa;

3. talli fl-istess hinijiet u lok, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal inqas minn mitt lira maltin ghad-dannu ta’ Bjorn Garage Limited;

4. talli f’xi hin bejn s-siegha w is-saghtejn ta’ wara nofisnhar, ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JAK 702, ghad-dannu ta’ Karl Alexander Kuhne, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa;

5. talli fl-istess lok u hinijiet voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal inqas minn mitt lira maltin ghad-dannu ta’ Raymond Mercieca;

6. talli f’xi hin bejn t-tlieta w nofs u l-hamsa neqsin kwart ta’ wara nofsinhar, fl-inhawi tad-Dwejra, ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FDK 157, ghad-dannu ta’ Darren Birks u Justin Hewith, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa;

7. talli fl-istess lok u hinijiet voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal inqas minn mitt lira maltin ghad-dannu ta' Josef Garage;

8. talli f'xi hin bejn t-tlieta u l-erbgha ta' wara nofsinhar fir-Rabat, Ghawdex, ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FDK 372, ghad-dannu ta' Jean Pierre Casta, liema serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

9. talli fl-istess hinijiet u lok, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal inqas minn mitt lira maltin ghad-dannu ta' London Services Limited;

**Lil Joseph Zammit wahdu**

10. talli kiser il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta meta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tletin ta' Gunju 2005, gie moghti l-liberta bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha ta' Lulju 2006 [fol 53] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-ghaxra ta' Awissu 2006 [fol 69].

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 [fol 32].

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-

Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess zewg imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hdax ta’ Mejju 2006 **xehed l-Ispettur Antonello Grech** [fol 10] u esibixxa zewg *haver sacks* kif wkoll zewg boroz tal-*plastic* mimlija affarijiet li nstabu fil-karozza tal-imputati jumejn wara li nsterqu, liema oggetti gew identifikati mid-derubati.

Illi nhar l-ewwel ta' Guinju 2006 **rega’ xehed l-Ispettur Antonello Grech** [fol 33] fejn spjega li nhar d-disgha ta’ Mejju 2006, hu kien gie nfurmat li kien sar serq minn xi karozzi fid-Dwejra w ghalhekk baghat xi pulizija jaghmlu ronda peress li l-gimgha ta’ qabel kien sar wkoll xi serq mill-istess post. Qal li waqt li l-pulizija kienu hemmhekk, gew infurmati li kien hemm serqa ohra r-Rabat minn go karozza. Qal li sadanitant l-pulizija tad-Dwejra baghthom ifittxu xi postijiet ohra pero regghu gew infurmati li kien hemm serqa ohra mid-Dwejra. Qal li l-informazzjoni li rcievew kienet li l-hallelin kienu qed jghamlu uzu minn vettura tal-ghamla Kia Avella ta’ kulur ahmar u kienu tnejn minn nies. Zied jghid li wahda mid-derubati kienet rathom iharsu lejn il-karozza taghha. Ghalhekk, zied jghid x-xhud, li ta struzzjonijiet lil pulizija li kellu l-Imgarr biex jekk jaraw vettura tal-ghamla Kia Avella ta’ kulur ahmar kellhom jwaqqfuha u jaghmlu tfittxija fiha.

Zied jghid li fil-fatt, aktar tard gie nfurmat li kienet twaqqfet vettura li kienet ser tirkeb il-vapur u minn tfittxija fuqha nstabu l-oggetti rappurtati nieqsa.

Ghalhekk hu ta struzzjonijiet sabiex l-persuni li kien hemm fil-vettura jigu arrestati li rrizulta li kienu iz-zewg imputati presenti fl-awla, li ttiehdu l-ghassa. Qal li hemm raw x’kienu l-oggetti li kellhom u tawhom ricevuta li giet esibita bhala dokument AG 1. Qal li aktar tard issejjhu d-derubati li identifikaw l-oggetti taghhom fl-ghassa. Ix-xhud kompla jghid li hu ha l-istqarrija tal-imputati fil-presenza ta’ PC 759 Emanuel Zammit, liema stqarrijiet gew esibiti bhala dokumenti AG 2 dik ta’ Joseph Zammit, filwaqt li dik markata bhala dokument AG 3 hija ta’ Paul Zammit. Ix-xhud ikkonferma li qabel ma ttiehdu l-istqarrijiet, iz-zewg imputati gew moghtija s-solita twissija. Qal li l-imputat Joseph Zammit ghazel li ma jirrispondix ghal diversi domandi filwaqt li l-imputat Paul Zammit ghazel li ma wiegeb xejn u ma ffirmahiex.

Illi nhar l-hdax ta’ Mejju 2006 **xehed Darren Roberts Birks** [fol 19] fejn qal li nhar d-disgha ta’ Mejju 2006, hu kien fil-kumpanija ta’ habib tieghu jismu Justin u kienu gejjin minn gurnata Ghawdex. Qal li kienu krew karozza Hyundai X minn Bugibba, saq hu u marru biha Ghawdex bil-vapur tal-ghaxra ta’ filghodu u ghal habta tat-tlieta neqsin kwart marru d-Dwejra u hallew il-karozza pparkjata fil-parkegg ta’ fuq. Qal li hu halla il-karozza maqfula meta hareg. Zied jghid li xi tlett kwarti wara rritorna hdejha w innota li kien hemm l-quarter window tan-naha tal-passiggier ta’ wara, miksura u z-zewg valiggi tieghu u ta’ siehbu, [liema valiggi gew identifikati l-Qorti], neqsin minnha. Qal li hu kien gie mghajjat l-ghassa tal-pulizija fejn gie muri l-valiggja tieghu u kien ivverifika jekk kellux xi haga nieqsa minnha u fil-fatt ma kien sab xejn nieqes minnha. Ikkonferma li l-kontenut tal-valiggja bl-istess valiggja li kellhom valur ta’ inqas minn mitt lira maltin.

Illi nhar l-hdax ta’ Mejju 2006 **xehed Justin Hewitt** [fol 21] li qal li jum t-tlieta ta’ qabel hu l-habib tieghu kienu marru gurnata Ghawdex b’karozza Hyundai X li kienu krew minn Bugibba. Qal li wara nofsinhar kienu marru d-Dwejra biha w ipparkjawha fil-parkegg ta’ fuq u sakkruha. Qal li meta rritornaw, xi tlett kwarti wara, nnutaw li kien hemm sgass fil-*quarter window* tan-naha tal-passiggier ta’ wara. Qal li hu nnota wkoll li l-valiggja tieghu u ta’ siehbu, kienu

neqsin. Ix-xhud ikkonferma li l-valiggja esibita l-Qorti, hija tieghu. Zied jghid li l-valiggja u l-kontenut taghha kien, bhala valur, ftit il-mitt lira maltin. Qal li kien gie mghajjat l-ghassa tar-Rabat, Ghawdex fejn ivverifika l-kontenut tal-valiggja tieghu w ikkonferma li ma kien sab xejn nieqes minnha.

Illi nhar l-hdax ta' Mejju 2006 **xehdet Eulalia Cistare** [fol 23] fejn qalet jum t-Tlieta hi u zewgha marru Ghawdex bil-vapur tal-ghaxra ta' filghodu u ghal habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar marru d-Dwejra. Qalet li kienet krew vettura li kienet tal-marka Hyundai minn Tas Sliema u saq zewgha. Qalet li meta waslu d-Dwejra, ipparkjaw il-karozza fil-parkegg ta' fuq u xi nofs siegha wara, meta rritornaw, osservaw li l-*quarter window* kienet miksura. Qalet li bhala affarijiet li kellhom fiha kienu minimi li ma kienux jissuperaw l-hamsin lira maltin bhala valur. Ix-xhud gharfet l-oggetti li sabet neqsin minnha l-Qorti stess. Qalet li l-kumpanija minn fejn kienu krewha kienu qed jitolbuhom jhallsu mitt lira tal-hgiega miksura li kellha l-vettura.

Illi nhar l-hdax ta' Mejju 2006 **xehed Jeffrey Walker** [fol 25] fejn qal li hu, flimkien ma martu, it-tifel tieghu u l-gharusa tieghu jirrisjedu s-Sannat, Ghawdex ghal vaganza u kienu ilhom hemm xi ghaxart ijiem. Qal li jum t-tlieta ta' qabel kienu krew karozza minghand Conception Rent A Car tal-Qala u marru ghal gita fid-Dwejra f'Ghawdex ghal habta tat-tlieta jew l-erbgha ta' wara nofsinhar. Qal li meta waslu hemm ipparkjaw il-vettura li kien qed isuq hu fil-parkegg ta' fuq u meta rritornaw lura hdejha, xi siegha wara, sabu li mill-vettura naqset *haver sack*, li identifikaha l-Qorti bhala dik li kient tappartjeni lilu. Qal li minn din il-*haver sack* ma sab xejn nieqes u l-karozza ma sofriet ebda danni ghaliex ma kienetx imsakkra.

Illi nhar l-hdax ta' Mejju 2006 **xehdet Victoria Gunton** [fol 27] fejn qalet li t-Tlieta ta' qabel kienet marret mal-gharus taghha, w il-genituri tieghu, d-Dwejra u ftit wara li waslu hemm, l-ohrajn hargu u hi baqghet fil-karozza. Ziedet tghid li ftit wara giet karozza w ipparkjat hdejn taghhom, li

kien fiha zewg guvintur li gharfet bhala l-imputati presenti fl-awla. Qalet li peress li bdew jharsu lejhom, hi bdiet tiddejjaq u harget biex tmur hdejn l-ohrajn. Qalet li hi kienet l-ahhar persuna li harget mill-karozza u ma sakkrithiex. Ikkonfermat li ma kien hemm xejn nieqes mill-oggetti li ttiehdu mill-vettura.

Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 **xehed PC 883 Paul Azzopardi** [fol 43] fejn qal li nar d-disgha ta' Mejju 2006, hu, flimkien ma PC 1371 kienu xoghol meta gew infurmati mis-Surgent Maggur Teddie Bajada, li kien hemm xi karozza suspetuza ta' lewn ahmar gejja mid-Dwejra ghal postijiet ohra w irrizulta li kien qed isir xi sgass minn karozza. Qal li ghalhekk bdew *patrol* u nizlu d-Dwejra ghal habta tal-erbgha fejn kien hemm xi turisti li marru fuqhom u qalulhom li kienu sfaw misruqa ftit tal-hin qabel. Qal li sadanitant baqghu jduru fl-inhawi u dahlitilhom informazzjoni li l-vettura tal-ghamla Kia Avella hamra misjuqa minn zewg persuni suspettuzi kellha x'taqsam ma dak li qalulhom t-turisti. Qal li ghalhekk nizlu l-Imgarr w infurmaw lil pulizija tax-xatt biex jekk jaraw din il-vettura titlaq minn Ghawdex, kellhom jwaqqfuha. Qal li aktar tard gew infurmati li din il-vettura giet imwaqqfa fuq r-rampa tal-vapur lejn Malta. Qal li f'din il-vettura kien hemm l-imputati presenti fl-awla u ghamlulhom tfittxija, fejn fil-*booth* tal-karozza nstabu xi oggetti li kienu gew rappurtati nieqsa, u baqghu sejrin l-ghassa bihom. Qal li hemmhekk l-imputati gew moghtija ricevuta tal-oggetti u l-istess imputati ffirmaw fuqha.

Rat l-istqarrija rilaxxjata miz-zewg imputati esibiti a fol 39 et seq tal-atti markati bhala dokumenti AG 2 u AG 3.

Ikkunsidrat:

Illi a bazi tal-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti nhar l-ewwel ta' Gunju 2006, il-Qorti nnominat Probation Officer sabiex ihejji *pre sentencing inquiry report* fuq l-imputati u nnominat lil Probation Officer Mariella Camilleri sabiex tirrelata dwar l-imputat Joseph Zammit filwaqt li s-Senior Probation Officer Miriam Sevasta sabiex tirrelata dwar l-imputat Paul Zammit.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Gunju 2006 iz-zewg probation officers nominati esibew r-relazzjoni taghhom fil-konfront taz-zewg imputati, liema relazzjonijiet jinsabu mmarkati bhala dokumenti MS [fol 71] u MC [fol 88].

Illi minn ezami tad-dokument MS li jikkoncerna l-imputat Paul Zammit jirrizulta li hu trabba minghajr missier u dan in-nuqqas tal-missier fit-trobbija tieghu, halla vojt w effett negattiv fuqu li ghadu u jibqa jinhass tul hajtu kollha. Fil-fehma tas-Senior Probation Officer Miriam Sevasta, l-perjodu t’arrest preventiv li l-imputat Paul Zammit ghamel l-habs, ghenu japprezza xi tfisser il-liberta u kemm hu kiefer li titlef l-liberta tieghek. Ir-raguni l’ ghaliex huwa kkommetta r-reat ‘n kwistjoni kienet sabiex jghin lil ohtu li ghandha lil bintha l-isptar. Omm l-imputat Paul Zammit tghid li rat kambjament ghal posittiv f’binha minn mindu hareg mill-habs.

Is-Senior Probation Officer Miriam Sevasta kkunsidrat diversi fatturi fil-konfront tal-imputat Paul Zammit specjalment l-fatt li hu trabba minghajr l-missier naturali u per konsegwenza ta’ dan, ghadda minn perjodu ta’ zmien difficili f’hajtu u wara li wiznet dan kollu, hija hi tal-fehma li din l-Qorti ghandha tikkunsidra l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali fl-ghoti tal-piena.

Illi minn ezami tad-dokument MC li jikkoncerna l-imputat Joseph Zammit jirrizulta li l-imputat Joseph Zammit kien jisraq ghaliex kellu bzonn l-flus ghal kura ta’ bintu, li skond certifikat mediku rilaxxjat mill-Konsulent Pedjatriku, Doctor R. Parascandolo [dokument Z a fol 62], bint l-imputat Maria Grazia, ghandha marda terminali u fil-fatt tinsab fl-ahhar sieghat ta’ hajjitha. L-imputat Joseph Zammit sostna li bintu kien ikollha aktar cans tghix li kieku nghatat l-kura barra minn Malta pero minhabba li huwa staqsa diversi ghaqdiet ghal ghajnuna finanzjarja biex tigi koperta l-kura, hadd ma ghenu u kien ghalhekk li beda jisraq.

Il-Probation Officer Mariella Camilleri sostniet li wara li qisiet c-cirkostanzi kollha tal-kaz, li din il-Qorti ghandha tikkonsidra l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici

Kriminali fl-ghoti tal-piena u li tigi annessa Ordni ta' supervizzjoni sabiex tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza, skond l-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali.

Dwar il-piena ikkunsidrat s-segwenti fatti fil-konfront taz-zewg imputati u dan b'mod separat.

**Fil-konfront tal-imputat Paul Zammit**:

1. Il-fedina penali netta tieghu esibita a fol 16 tal-atti, minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;
2. L-eta pjuttost zghira tieghu meta kkommetta r-reat u cioe dik ta' wiehed w ghoxrin sena;
3. L-ammisjoni bikrija tieghu sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;
4. Li r-res furtiva giet kollha ritornata w identifikata mid-derubati;
5. Is-suggeriment tal-Ufficjal tal-Probation dwar il-piena fil-konfront tieghu.

**Fil-konfront tal-imputat Joseph Zammit:**

1. L-ammissjoni bikrija tieghu sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u wkoll l-fatt li b'hekk m'inhela ebda hin prezzjuz tal-Qorti;
2. Li r-res furtiva giet kollha ritornata w identifikata mid-derubati;
3. Il-fedina penali tieghu, ghalkemm ma hijiex wahda nadifa ghal ahhar, fuqha ghandu registrat biss zewg *convictions* fejn gie kkundannat ghal hlas ta' multa w inghata *conditional discharge*;
4. Il-fatt li bintu tinsab fi stadju ahhari ta' hajjitha.

Il-Qorti tinnota li l-imputat Joseph Zammit nonostante li hu recidiv, ma giex akkuzat b'dan r-reat w ghalhekk is-suggeriment tal-Ufficjal tal-Probation jista jigi akkolt.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(b)(c)(d)(e), 263, 264, 265, 267, 279(b), 280, 281, 334, 325(a), 17(b), 20, 23, u 533 tal-Kap 9 u l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputati JOSEPH ZAMMIT u PAUL ZAMMIT hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom fuq ammissjoni taghhom stess.**

**Tiddecidi li tikkundanna lil imputat Paul Zammit ghal piena karcerarja ta' sentejn [2] sospizi ghal erbgha [4] snin, bil-kundizzjoni li f'dan il-perjodu tas-sospensjoni ma jaghmilx reat iehor u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Fil-konfront tal-imputat Joseph Zammit tiddecidi li tikkundannah, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal piena karcerarja ta' sentejn [2] sospizi ghal erbgha [4] snin, bil-kundizzjoni li f'dan il-perjodu tas-sospensjoni ma jaghmilx reat iehor pero b'zieda ta' Ordni ta' supervizzjoni li ghandha tifforma parti ntegrali minn din s-sentenza u dan ai termini tal-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali ghal perjodu kollha ta' erbgha [4] snin.**

**Tordna li din l-Ordni ta' supervizzjoni tigi annessa ma din s-sentenza.**

**Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal-artikolu 11(5) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tissolecita lil istess Direttur sabiex jinnomina persuna li jkollha esperjenza dwar kif tittratta maz-zaghzagh u taghmel s-supervizzjoni tal-imputat Joseph Zammit filwaqt li tirrakkomandalu sabiex sakemm hu possibbli, tigi nomintata l-istess Probation Officer Mariella Camilleri li rredigiet l-*pre sentencing inquiry report* fil-konfront tieghu.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car liz-zewg imputati l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huma jonqsu li josservawha.**

**L-imputati probationers minn naha taghhom iddikjaraw li fehmu ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqsu li josservawha.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din s-sentenza tinghata lil istess imputati probationers Paul Zammit u Joseph Zammit.**

Il-Qorti finalment tordna li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-prockediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**Consuelo Scerri Herrera Ll. D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**

**v**

**JOSEPH ZAMMIT**
**PAUL ZAMMIT**

**ORDNI TA' SUPERVIZZJONI**
**[Artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, 22 ta' Awissu 2006**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmi **JOSEPH ZAMMIT gie kkundannat** ghal **piena karcerarja ta' sentejn [2] sospizi ghal**

**erbgha [4] snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Supervizzjoni;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' Supervizzjoni lil imputat probationer Joseph Zammit, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess probationer wera li jrid jhares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna li** l-imsemmi **JOSEPH ZAMMIT** ta' disgha w tletin sena bin Vincent u Filippa nee Farrugia, imwieled Pieta nhar s-sbatax ta' Frar 1967 u residenti Entratura D, Flat 6, Triq Guze Ellul Mercer, Swatar, detentur tal-karta tal-identita numru 113667M **jitqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal perjodu ta' erbgha [4] snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta' erbgha [4] snin imputat probationer Joseph Zammit ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;
2. Illi l-imputat probationer Joseph Zammit ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;
3. Illi l-imputat probationer Joseph Zammit ghandu minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;
4. Illi l-imputat probationer Joseph Zammit ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probation.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services kif**

**wkoll lil Ufficjal Sorveljanti nominat skond s-sub artikolu 7(8) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------